KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

**Minuti tal-Ħames ( 05 ) Laqgħa tas-Seba' ( 07 ) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar it-Tlieta, 08 ta' Mejju 2012 fis-6.00 ta' filgħaxija. Din il-Laqgħa saret bħala t-tieni kontinwazzjoni tal-Laqgħa numru Tnejn ( 02 ) li saret nhar il-Gimgħa 13 t'April 2012 bit-tieni kontinwazzjoni li saret nhar il-Ġimgħa 20t'April 2012.**

Il-Laqgħa bdiet fil-6.15 ta' filgħaxija .

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno (Sindku) | 6.00p.m. | 9.20p.m. |
| Is-Sur Alex Bezzina (Viċi-Sindku) | 6.00p.m. | 9.20p.m. |
| Il-Perit Graziella Galea | 6.00p.m. | 9.20p.m. |
| Is-Sur John Bray | Assenti | |
| Is-Sur Raymond Tabone | 6.00p.m. | 9.20p.m. |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | 6.05p.m. | 9.20p.m. |
| Is-Sur Jason Camilleri | 6.00p.m. | 9.20p.m. |
| Is-Sur Peter Abela | Assenti. | |
| Is-Sur Anne Marie Fenech | Skużata | . |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | 6..00p.m. | 9.20p.m. |
| Il-Perit Daniel Grima | 6.00p.m. | 9.20p.m. |
| Is-Sur Carmel Hili | 6.10p.m. | 9.20p.m. |
| Is-Sna Jane Chircop | 6.00p.m. | 9,20p.m. |



**Sindku** : Mario Salerno
**Viċi Sindku** : Alexander Bezzina
**Kunsilliera** : Graziella Galea, John Bray, Raymond Tabone, Mandy Buħaġiar, Peter Abela, Jason Camilleri, Robert Piscopo, Anne Marie Fenech, Daniel Grima, Jane Chircop, Carmel Hili
**Aġent Segretarju Eżekuttiv** : George Abdilla

Fis-6.10p.m. wasal iċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, is-Sur Ray Bartolo u kien preżenti għall-kumplament tal-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-6.00p.m.

**1.0 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

Ġiet ippreżentata lista ta' 77 korrispondenza u komunikazjonijiet. Dawn inqraw mis-Sindku w id-deċizjonijiet dwar dawn jinstabu fil-lista annessa ma' dawn il-Minuti.

**1.01** Dwar il-Korrispondenza Numru 61, il-Kunsill approva l-*Increment* għas-Sinjorina Candice Zarb kif ukoll għas-Sinjorina Delcine Gauci jekk din hija ntitolata wkoll għall-*Increment*. Għandu jerġa jintalab lid-Dipartiment tal-Kunsilli jikkonsidra li s-Sinjorina Delcine Gauci tiġi promossa għal grad ta' Skrivana.

**2.00 Rendikont ta' Pagamenti.**

Il-Perit Graziella Galea 'kkonfermat li hija kienet ser tiffirma għall-pagamenti li oriġinaw qabel l- 01 t'April 2012 .

**3.00 Dwal fiż-*Żebra Crossings*.**

Il-Kunsillier Jason Camilleri 'nforma li fi-żmien ġimgħa ser jiġu 'nstallati tliet *zebra crossings* bis-sistemi ta' *solar lights* kif kien ġie deċiż mill-Kunsill. Għanda tissewwa wkoll dik ta' Triq il-Qawra ħdejn il-Ġnien ta' Kennedy Grove. Ittieħdet deċiżjoni li jiġu 'nkorporati aktar dwal solari fuq *zebra crossings* oħra skont u fejn hu meħtieġ.

**3.01 Nuqqas ta' Sinjali fit-Toroq.**

Is-Sindku 'nforma li kienet ser tinħareġ sejħa għall-Espressjoni ta' Interess għal *Traffic Manager*. Sadanittant ġie deċiż li jsiru sinjali fit-Toroq kif u fejn meħtieġ kien hemm *stops* , *giveway* , *zebra crossings* .

**4.00 Aġġornament dwar il-Festival tan-Nar tal-Art.**

Ġie 'ppreżentat u approvat rendikont ta' spejjes li saru għall-attivita' tal-Festival tan-Nar Tal-Art. In-nefqa kienet ta' Euro1,458.96.

**4.01 Aġġornament dwar l-WardaFest.**

Ġie ippreżentat u approvat rendikont ta' spejjes li saru għall-attivita Wardafest. In-nefqa kienet ta' Euro 1,932.32 netti wara li inġabret is-somma ta' Euro 100.--.

**5.00 Laqgħat ma' Ministri tal-Gvern Ċentrali.**

Is-Sindku 'nforma li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu Laqgħa kordjali ħafna mal-Ministru Karm Mifsud Bonnici u kien hemm il-ħsieb li jsiru aktar laqgħat ma' Ministri oħra.

**6.00 Aġġornament dwar Miżura 313**

Il-Perit Graziella Galea 'nfurmat li kienu ġew ippublikati s-sejħiet għad-diversi *tenders* taħt il-Miżura 313.

**7.00 Aġġornament dwar il-Proġett tal-ESF 2.137 tal-Unjoni Ewropea.**

Is-Sindku 'nforma lill-Kunsill dwar il-pożiżjoni attwali ta' dan il-proġett li issa kien responsabbli għalih il-Kunsillier Perit Daniel Grima.

**8.00 Nomina tas-Sotto Kumitat għall–Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għall-Offerti Pubbliċi**

Is-Sindku informa u ġie approvat li s-Sotto-Kumitat għall-Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għall-Offerti Pubbliċi jkun magħmul mis-Sindku, il-Kunsillier li taħtu taqa' is-sejħa partikulari, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, u s-Sinjuri Frans Borg, Paul Mifsud u Mary Savona. Qed ikun mehmuz l-istqarrija tas-Sindku b' aktar dettalji.

**9.00 U-Bends**

Il-Kunsillier Jason Camilleri ma Raymond Tabone ġie inkarigat sabiex jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet u manutenzjoni ta' *u-bends*.

**10.00 Talbiet għall-Estenzjoni ta' Bankini.**

Il-Kunsilliera Raymond Tabone, Jason Camilleri, u l-Perit Daniel Grima ġew inkarigati sabiex jiddeċiedu dwar talbiet għall-Estensjoni ta' Bankini għal skopijiet kummerċjali. Il-Perit Grima ma' kienx preżenti għal Laqgħa u għandu jintalab jekk kienx lest jaċċetta dan l-inkarigu.

**11.00 Stqarrija tas-Sindku.**

Is-Sindku qara stqarrija kif annessa ma' dawn il-Minuti.

**12.00 Aġġornamenti tal-Kunsilliera.**

**12.01** Il-Kunsillier Carmel Hili semma l-problema ta' parkeġġ ta' *trailers*. Huwa ġie inkarigat mis-Sindku sabiex jagħmel u jiċċirkola rapport lil-Kunsilliera kollha dwar *Bye-Law* sabiex tissolva din il-problema.

Il-Kunsillier Carmel Hili semma wkoll li l-*buses* tal-Arriva Malta ma' kienux qed jgħaddu mix-Xatt ta' Buġibba u għalhekk seta jsiru postijiet ta' parkeġġ fuq in-naħa tal-baħar matul ix-Xatt. Il-Kunsillier Raymond Tabone ġie inkarigat jistudja din il-proposta li għandha tinkludi li l-ħin ta' bejn id-9.00 u l-11.00 ta' filgħodu jkun irriservat għal *Loading u Unloading.*

Il-Kunsillier Carmel Hili talab ukoll li *telephone boxes* li jinstabu f'Misraħ il-Bajja jitressqu aktar għall-post ieħor minħabba ħsejjes ta' mużika li jtellef lil min ikun qed jagħmel xi telefonata u anke għajjat żejjed min min ikun qed iċempel.

Il-Kunsillier Carmel Hili talab ukoll li jsiru ismijiet ta' toroq fi Triq Busewdien u Ras il-Wied. Huwa semma wkoll il-bżonn li l-Kunsill jerġa' jiltaqa ma' l-iScouts dwar il-problema ta' post fejn jiltaqgħu.

Huwa qal li kien hemm bżonn ta' *Pelican Lights* ħdejn il-Luzzu Restaurant u li l-Gwardjani Lokali kienu qed joħorgħu avviżi ta' kontravvenzjoni ħdejn il-Mecca Enterprises fejn ma hemmx linji sofor iżda għaliex vetturi jkunu inqas minn 5 metri bogħod mill-kantuniera.

Ir-rakkomandazzjonijiet u s-sġġerimenti tas-Sur Carmel Hili gew *endorsed* u maqbula minn kulħadd u l-Kunsillier kellu l-fakulta biex imexxi dawn il-ħidmiet

**12.02** Il-Kunsillier Jane Chircop issuġġeriet li tiddaħħal l-użanza li n-nies anzjani jibdew jgħinu lit-tfal jaqsmu toroq traffikużi u l-bżonn ta' sinjali għal kommunikazjoni ta' nies li jbatu bl-*autism*. Il-Kunsillier Jane Chircop kellha tmexxi dan il-proġett

**12.03** Il-Kunsillier Mandy Buhagiar qalet li *bins* ma' kienux qed jitbattlu kuljum. Is-Sindku qal li residenti irresponsabli kienu qed jitfgħu l-boroż suwed bl-iskart domestiku f'dawn il-*bins*. .

Hija issuġġeriet li jisr *billboard* f'Erba' Mwieżeb sabiex jiġu 'rriklamati attivitajiet tal-Kunsill.

Hija qalet ukoll li kien hemm bżonn ta' sinjali li jindikaw postijiet ta' interess. Naturalment għandu jintalab il-prezz qabel.

**12.04** Il-Kunsillier Jason Camilleri qal li kien hemm bżonn ta' *bye-law* li tipprojbixxi l-użu ta' flixken tal-ħġieġ barra l-ħwienet tax-xorb. Huwa kellu jara' mal-awtoritajiet din l-*issue*.

**12.05** Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li kien hemm bżonn li jingħata wiċċ ġdid fil-post magħruf bħala s-Simenta u kisi bil-konkos ta' sqaq fit-Telgħa tal-Wardija. Dan ġie appovat unanimament.
Huwa qal li meta wieħed jagħmel xi 'lment jew rapport ma' għandux jintalab jagħti dettalji personali jekk dan ma jkunx irid jidentifika ruħu.

**12.06** Il-Viċi-Sindku Alex Bezzina talab u ġie approvat li l-Kunsill japprova s-somma ta' Euro 150 għal Youth Empowerment.
Huwa sstaqsa jekk il-Kunsill kienx ser jikkopera fit-tieni attivita' tal-Power Boats li kienet ser issir f'Bugibba fid-19 u l-20 ta' Mejju 2012. Il-Kunsill iddeċieda li f'din it-tieni edizjoni jgħin biss billi jħallas għall-Gwardjani Lokali kif meħtieg u jagħmel stampar ta' karti. Is-Sur Alex Bezzina qal li huwa kien ser jara kif jgħin sabiex jinstab *sponsor* għal din l-attivita'.

**12.07** Il-Kunsillier l-Avukat Robert Piscopo qal li huwa kien ser jeżamina kif marret l-attivita' tal-Wardafest u jibda taħdidiet mal-iSkola tal-Wardija għall-attivita' tas-sena d-dieħla.

**13.00 Aġġornament miċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.**

Iċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, is-Sur Ray Bartolo qal li kien ġie 'nfurmat mill-Awtorita' Ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li l-ammont ta' fondi riservati għal KAB mill-fond tal-U.I.F. kien jammonta għall-aktar min Euro 75,000.--.u l-KAB kienu ser jiddiskutu proġetti fejn dawn jistgħu jintefqu għal-ġid tar-residenti ta' Burmarrad u l-Wardija.
Is-Sur Bartolo qal li l-MEPA kienu irrispondew fin-negattiv dwar il possibilita' li 'ssir *soft area* f'sit partikulari f'Burmarrad u kienu 'ssuġġerew postijiet oħra fejn dan jista jsir. Huwa qal li fil-Laqgħa tal-KAB li jmiss kienu ser jitolbu lill-Perit tal-Kunsill sabiex jidentifika post fejn ikun

jista jsir Bandli ġdid minflok dik preżenti li ma kinitx f'post ideali. Madankollu s-Sindku qal li għandu jkun hemm tisbieħ u *upgrading* tal-uniku Bandli f' Burmarrad
Huwa talab u ġie approvat li xi wħud mill-*planters* li kienu ser jitneħħew mill-Qawra u Buġibba jintużaw f'Burmarrad.
Dwar il-Festa Bdiewa, huwa qal li kienu għaddejjin il-preparamenti għal din l-attivita'.
Huwa talab li l-Kunsill jiġġudika kwotazzjonijiet għax-xogħol fit-Telgħa tal-Wardija li kien ser ikun iffinanzjat mill-Kunsill.
Is-Sur Bartolo qal li huwa kien kiteb lid-Dipartiment tal-Kunsilli sabiex tiġi 'ċċarata l-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali u dik tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad fuq territorju li jaqa' taħt Burmarrad u l-Wardija. Ma kienx għada waslet risposta dwar dan.

**14.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**John J. Camilleri**
**Segretatju Eżekuttiv**

22 ta' Mejju 2012

ref. 55/4896/12/0JJC